



Brussell, 6 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

9765/19

SAN 277
AGRI 276
VETER 30
PHARM 29

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunsill

Suġġett: **Sessjonital-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumaturtal-14 ta' Ġunju 2019**
Konklużjonijiet dwar il-passi li jmiss biex l-UE ssir reġjun tal-aħjar prattika fil-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi
- *Adozzjoni*

1. Fis-26 ta' Marzu 2019, il-Presidenza ppreżentat abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill¹ lill-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika.
2. Il-Grupp ta' Ħidma eżamina l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill waqt żewġ laqgħa u laħaq qbil tentattiv wara konsultazzjonijiet informali dwar test imħejji mill-Presidenza.
3. Fl-24 ta' Mejju 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-abbozz ta' konklużjonijiet maqbula tentattivament mill-Grupp ta' Hidma²³ u ddeċieda li jippreżentahom lill-Kunsill (EPSCO) għall-adozzjoni fis-sessjoni tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2019.

¹ 7471/19

² 9274/19

³ Il-Presidenza ngħatat mandat biex tiffinalizza ż-żewġ referenzi fil-punt 7.

4. Il-Kunsill mistieden:

- jadotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fl-Anness għal din in-nota, u
 - jiddeċiedi li jippubblikahom f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-

**Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-passi li jmiss biex l-UE ssir reġjun tal-aħjar
prattika fil-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. **IFAKKAR** li r-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR) hija theddida serja transkonfinali għas-saħħa li ma tistax tiġi indirizzata b'mod xieraq minn Stat Membru waħdu u ma tistax tiġi limitata għal xi reġjun ġeografiku jew Stat Membru u għalhekk teħtieġ kooperazzjoni u koordinazzjoni intensivi bejn l-Istati Membri, kif iddikjarat fid-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa⁴.
2. **JINNOTA BI TĦASSIB KBIR** li, skont data uffiċjali, l-AMR tista' tkun il-kawża tal-mewt ta' madwar 700 000 persuna globalment⁵⁶, inkluż 33 000⁷⁸ persuna mejta minħabba infezzjonijiet reżistenti għall-antibijotiċi fl-Unjoni Ewropea/ŻEE. Barra minn hekk, mingħajr politiki li jwaqqfu l-firxa tagħha, il-projezzjoni għall-AMR hija li tikkawża l-mewt ta' miljuni ta' persuni madwar id-dinja.
3. **JINNOTA BI TĦASSIB KBIR** li, madwar 29 % tal-imwiet ikkawżati madwar id-dinja minn infezzjonijiet reżistenti għall-antimikrobiċi huma dovuti għal tuberkuulozi reżistenti għall-mediċina (DR-TB) u għal TB reżistenti għal ħafna mediċini (MDR-TB)⁹.
4. **JINNOTA BI TĦASSIB KBIR** li, skont l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), jekk ma titteħidx azzjoni effettiva, u r-rati tal-AMR isegwu t-tendenzi projettati, mistennija li jintefqu sa EUR 1.1 biljun fis-sena bejn l-2015 u l-2050 minħabba l-AMR madwar il-pajjiżi tal-UE u taż-ŻEE¹⁰.

⁴ ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1

⁵ [Bulletin tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa 2016:94:638-639](#)

⁶ [The review on Antimicrobial resistance chaired by Jim O'Neill: "Tackling drug-resistant infections globally, final report and recommendations", Mejju 2016](#)

⁷ [The Lancet, Infectious diseases, Volum 19, Hargha 1, Jannar 2019](#)

⁸ [Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, artiklu tas-6 ta' Novembru 2018](#)

⁹ [TB Alliance, "Drug resistance - a response to antimicrobial resistance including tackling TB"](#)

¹⁰ [OECD, "Antimicrobial Resistance - Tackling the Burden in the European Union", 2019](#)

5. **JINNOTA BI TĦASSIB KBIR** li 75 % tal-piż tal-mard minn infezzjonijiet reżistenti għall-antibijotiċi fl-UE huwa relatat direttament ma' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (HAIs)¹¹.
6. **JIRRIKONOXXI** li l-użu tal-antimikrobiċi għadu wisq għoli fl-Unjoni kollha b'mod ġenerali u **JINNOTA** li hemm differenzi fl-użu tal-antimikrobiċi bejn l-Istati Membri.
7. **JIRRIKONOXXI** li l-AMR hija ta' tħassib globali għas-saħħa pubblika, u l-impatt tagħha jmur lil hinn mill-konsegwenzi severi tagħha għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, billi tħalli wkoll impatt fuq l-ambjent u l-produzzjoni tal-ikel u konsegwentement fuq it-tkabbir ekonomiku. Barra minn hekk, l-AMR taffettwa serjament il-possibbiltajiet li jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

Għaldaqstant **JILQA'** l-ħafna inizjattivi internazzjonali mmirati biex jiġġieldu l-AMR, inkluż:

- il-Pjan ta' Azzjoni Globali (PAG) dwar ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi¹² żviluppat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) bil-kontribut tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) u l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) u adottat unanimament f'Mejju 2015 mit-68 Assemblea Dinjija tas-Saħħa;
- id-dikjarazzjoni politika tan-NU tal-laqgħa ta' Livell Għoli tal-Assemblea Ġenerali tagħha dwar l-AMR tal-21 ta' Settembru 2016¹³, li għandha l-għan li tiġġieled it-theddida globali mill-AMR u li tikkonferma l-ħtieġa ta' approċċ "Saħħa Waħda", kif ukoll:
 - = il-ħidma tal-Grupp ta' Koordinazzjoni bejn l-Aġenziji dwar l-AMR (IACG) tan-NU, li rriżultat f'sett ta' rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-rapport "No time to wait: Securing the future from drug-resistant infections"¹⁴ lis-Segretarju Ġenerali tan-NU;
 - = ir-rapport¹⁵ maħruġ fl-10 ta' Mejju 2019 mis-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni politika dwar l-AMR tal-21 ta' Settembru 2016 u dwar rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-IACG;

¹¹ [The Lancet, Infectious diseases, Volum 19, Hargħa 1, Jannar 2019](#)

¹² [WHO, Global Action Plan on Antimicrobial Resistance, A68/A/CONF./1 Rev.1 Punt 15.1 fuq l-Aġenda, 25 ta' Mejju 2015](#)

¹³ [NU, Assemblea Ġenerali, d-Dikjarazzjoni Politika tan-NU tal-laqgħa ta' livell għoli tal-Assemblea Ġenerali dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, 21 ta' Settembru 2016](#)

¹⁴ [Rapport IACG - "No time to wait: Securing the future from Drug-resistant infections", April 2019](#)

¹⁵ [Segwitu għad-dikjarazzjoni politika tal-laqgħa ta' livell għoli tal-Assemblea Ġenerali dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, Rapport tas-Segretarju Ġenerali, 10 ta' Mejju 2019](#)

- ir-riżoluzzjoni tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEA) ta' Diċembru 2017¹⁶ dwar l-Ambjent u s-Saħħa, li tiddikjara li s-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti u l-ambjent huma interkonnessi u tissottolinja l-ħtieġa li jkun hemm aktar fehim dwar ir-rwol tat-tniġġis ambjentali fl-iżvilupp tar-reżistenza għall-antimikrobiċi;
- il-ħidma tal-Global AMR R&D Hub;
- il-Global Antibiotic Research and Development Partnership (GARDP)¹⁷;
- ir-Riżoluzzjoni tad-WHO dwar l-AMR, adottata mill-Assemblea Dinjija tas-Saħħa fl-24 ta' Mejju 2019¹⁸;
- iċ-Ċentru Internazzjonali għal Soluzzjonijiet għar-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (ICARS)¹⁹. L-ICARS iservi bħala ċentru ta' għarfien globali indipendenti ffukat fuq l-identifikazzjoni u l-appoġġ tal-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-evidenza għall-isfidi relatati mal-AMR f'pajjiżi bi dħul baxx u medju;

8. **JINNOTA** li l-AMR saret kwistjoni li issa qed tiġi diskussa f'bosta fora internazzjonali differenti, inkluż il-G7²⁰ u l-G20²¹.
9. **IFAKKAR** fil-Pjan ta' Azzjoni Globali tal-2015 dwar l-AMR, fejn id-WHO appellat lill-Istati Membri kollha biex jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kontra l-AMR sal-2017.
10. **JIEĦU NOTA** tal-ħidma li għaddejja tal-OECD u **JILQA'** r-rapport reċenti tagħha li jindika li l-investiment f'interventi tas-saħħa pubblika jista' jnaqqas b'mod sostanzjali l-piż fuq is-soċjetà kkawżat mill-AMR²².

¹⁶ [Assemblea tan-NU għall-Ambjent tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, Nairobi, mill-4 sas-6 ta' Diċembru 2017](#)

¹⁷ [Global Antibiotic Research and Development Partnership \(GARDP\)](#)

¹⁸ [Abbozz ta' test tar-Riżoluzzjoni tad-WHO dwar l-AMR](#)

¹⁹ [Ċentru Internazzjonali għal Soluzzjonijiet għar-Reżistenza għall-Antimikrobiċi](#)

²⁰ [Dikjarazzjoni tal-Ministri għas-Saħħa tal-G7, Berlin, mit-8 sad-9 ta' Ottubru 2015](#)

²¹ [Dikjarazzjoni tal-Ministri għas-Saħħa tal-G7 f'Berlin bl-isem "Together Today for a Healthy Tomorrow" 2017](#)

²² [OECD, Policy brief: "Stemming the Superbug Tide", 2018](#)

11. **IFAKKAR** li l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi azzjoni tal-Unjoni biex tikkumplimenta l-politiki nazzjonali u tkopri l-ġlieda kontra flaġelli kbar tas-saħħa, it-trażmissjoni u l-prevenzjoni tagħhom, kif ukoll informazzjoni dwar is-saħħa, u l-edukazzjoni, u l-monitoraġġ, u l-ġlieda kontra theddid transkonfinali serju għas-saħħa. L-Unjoni hija mitluba wkoll tħeġġeġ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u trawwem il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fl-isfera tas-saħħa pubblika.
12. **IFAKKAR** fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2016 dwar il-passi li jmiss fil-qafas ta' approċċ Saħħa Waħda biex tiġi miġġielda r-reżistenza għall-antimikrobiċi²³ u r-referenzi speċifiċi fihom għar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2001 dwar l-użu prudenti tal-aġenti antimikrobiċi fil-mediċina għall-bniedem²⁴, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-pazjent, inkluż il-prevenzjoni minn u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa²⁵, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2014 dwar is-sikurezza tal-pazjenti u l-kwalità tal-kura, inkluż il-prevenzjoni u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa u r-reżistenza għall-antimikrobiċi²⁶.
13. **JILQA'** l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2017 tal-Komunikazzjoni "Pjan ta' Azzjoni Ewropew Saħħa Waħda kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi"²⁷ u l-azzjonijiet imniżżla fiha għall-ġlieda kontra l-AMR u **JAPPOĠĠA L-INTENZJONI** li l-UE ssir reġjun tal-aħjar prattika f'dan ir-rigward.
14. **JIĠBED L-ATTENZJONI** lejn ir-rwol tat-tilqim fil-prevenzjoni tal-infezzjonijiet, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill adottata reċentement dwar kooperazzjoni msaħħa kontra l-mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim u l-fatt li l-Pjan ta' Azzjoni Saħħa Waħda tal-Kummissjoni dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, jenfasizza l-ħtieġa li jiġu appoġġati r-riċerka u l-iżvilupp ta' vaċċini ġodda għall-patoġeni assoċjati mar-reżistenza għall-antimikrobiċi²⁸.

²³ ĠU C 269, 23.7.2016, p. 26.

²⁴ ĠU L 34, 5.2.2002, p. 13-16.

²⁵ ĠU C 151, 3.7.2009, p. 1.

²⁶ ĠU C 438, 6.12.2014, p. 7.

²⁷ [COM \(2017\) 339 final tad-29.6.2017](#)

²⁸ ĠU C 466, 28.12.2018, p. 1.

15. **IFAKKAR** fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2018 dwar Pjan ta' Azzjoni Ewropew Saħħa Waħda kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi²⁹.
16. **JILQA'** l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2019 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Approċċ Strateġiku tal-Unjoni Ewropea għall-Farmaċewtiċi fl-Ambjent³⁰.
17. **JĠGBED L-ATTENZJONI** lejn il-fatt li l-UE stabbiliet restrizzjonijiet legali biex tevita l-użu ħażin tal-antimikrobiċi fl-annimali. Mill-2006, l-użu tal-antibijotiċi bħala addittivi tal-ġhalf għall-promozzjoni tat-tkabbir ġie pprojbit³¹. Ir-Regolament (UE) 2019/6 dwar prodotti mediċinali veterinarji³² u r-Regolament (UE) 2019/4 dwar l-ġhalf medikat³³ li ġew adottati reċentement jipprevjenu wkoll l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir jew biex jiżdied ir-rendiment³⁴, l-użu preventiv ta' prodotti mediċinali veterinarji antimikrobiċi permezz tal-ġhalf medikat³⁵ u l-użu preventiv tal-antibijotiċi veterinarji fi gruppi ta' annimali³⁶. Ir-Regolament dwar il-prodotti mediċinali veterinarji jipprevedi wkoll restrizzjonijiet fuq l-użu metafilattiku ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi u jinkludi dispożizzjonijiet li jippermettu l-possibbiltà ta' riżerva, abbażi ta' kriterji speċifiċi, ta' ċerti antimikrobiċi kritiċi għall-użu mill-bniedem biss, sabiex tiġi ppreservata aħjar l-effikaċja tagħhom³⁷, kif ukoll obbligi fuq l-Istati Membri biex jiġbru data dwar il-bejgħ u l-użu tal-antimikrobiċi fl-annimali.
18. **JILQA'** l-kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni permezz tan-Netwerk Saħħa Waħda tal-UE dwar l-AMR³⁸ stabbilit fl-2017 u **JINNOTA** l-importanza tal-laqgħat regolari tiegħu bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-AMR.

²⁹ [Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2018 Pjan ta' Azzjoni Ewropew Saħħa Waħda kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi \(AMR\) \(2017/2254\(INI\)\)](#)

³⁰ [COM \(2019\) 128 final tal-11 ta' Marzu 2019](#)

³¹ L-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-ġhalf tal-annimali (ĠU L 268, 18.10.2003, p. 36)

³² ĠU L 4, 7.1.2019, p. 43-167.

³³ ĠU L 4, 7.1.2019, p. 1-23.

³⁴ L-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) 2019/6 dwar prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 104)

³⁵ L-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2019/4 dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ġhalf medikat (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 12)

³⁶ L-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) 2019/6 (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 104)

³⁷ L-Artikoli 37 u 107 tar-Regolament (UE) 2019/6 (ĠU L 4, 7.1.2019, p. 72 u 104)

³⁸ [Kummissjoni Ewropea - Azzjoni tal-UE dwar ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi](#)

19. **JIRRIKONOXXI** s-sejbiet fir-rapporti dwar l-AMR tal-Analiżi Konġunta Bejn l-Aġenziji tal-Konsum u r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi (JIACRA)³⁹, ippubblikati b'mod konġunt miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) , u **JIĠBED L-ATTENZJONI** lejn il-fatt li ġiet introdotta bażi ġuridika għal dawk l-attivitajiet fir-Regolament (KE) Nru 726/2004⁴⁰ bir-Regolament (UE) 2019/5 adottat reċentement⁴¹.
20. **JISĦAQ** li aktar kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn il-Kummissjoni u l-industrija farmaċewtika hija kruċjali biex tiġi indirizzata d-disponibbiltà insuffiċjenti ta' antimikrobiċi, kemm jekk ikkawżata minn nuqqas ta' provvista inizjali, minn tneħħija mis-suq ta' antimikrobiċi jew minn problemi oħra ta' provvista, li tista' twassal għal nuqqas fil-provvista ta' antimikrobiċi u għal terapija ta' sostituzzjoni mhux adegwata.
21. **JINNOTA BI TĦASSIB KBIR** il-falliment tas-suq fl-iżvilupp tal-antibijotiċi u **JISSOTTOLINJA** l-hteġa għal azzjoni urġenti biex jiġi stimulat l-iżvilupp ta' antimikrobiċi ġodda, terapiji alternattivi u dijanjostiċi rapidi u moderni, inkluż metodi għall-ittestjar tas-suxxettibbiltà għall-antimikrobiċi. Huma meħteġa koordinazzjoni u kooperazzjoni fl-UE u b'mod globali fuq programmi u inċentivi ta' riċerka, u l-Kunsill **JIRRIKONOXXI**, fost l-oħrajn, il-proposti u l-attivitajiet tat-tim tal-Analiżi tar-Reżistenza għall-Antimikrobiċi⁴², ir-rapport "Breaking Through the Wall"⁴³ u l-Inizjattiva ta' Programmazzjoni Konġunta dwar ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi⁴⁴.
22. **JISĦAQ** li s-suċċess tal-ġlieda globali kontra l-AMR jiddependi ħafna mill-impenn u r-rieda tal-gvernijiet li jieħdu azzjoni biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-inizjattivi taħt l-approċċ Saħħa Waħda skont il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali, u b'hekk jinvolvu s-setturi rilevanti kollha, u li l-ġlieda kontra l-AMR tista' tingħata spinta aktar b'saħħitha mill-kooperazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri f'fora internazzjonali u permezz ta' kollaborazzjoni reġjonali u bilaterali.

³⁹ [EMA - Analiżi tal-konsum tal-antimikrobiċi u r-reżistenza għalihom \(ir-rapporti "JIACRA" tal-2011 u 2013\)](#)

⁴⁰ ĠU L 136, 30.04.2004, p. 1.

⁴¹ ĠU L 4, 7.1.2019, p. 24.

⁴² [The review on Antimicrobial resistance chaired by Jim O'Neill: "Tackling drug-resistant infections globally, final report and recommendations", Mejju 2016](#)

⁴³ [Ministeru Federali tas-Saħħa, BCG the Boston Consulting Group "Breaking through the Wall - A Call for Concerted Action on Antibiotics Research and Development"](#)

⁴⁴ [Joint Programming Initiative on Antimicrobial Resistance - Global Coordination of Antimicrobial Resistance Research](#)

23. **JISĦAQ** fuq l-importanza tal-Azzjoni Konġunta dwar ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi u l-Infezzjonijiet Assoċjati mal-Kura tas-Saħħa (JAMRAI)⁴⁵ u JILQA' l-ħidma tagħha, inkluż dik dwar il-politiki għall-prevenzjoni tal-HAI u tal-użu tajjeb tal-antimikrobiċi u l-implimentazzjoni tagħhom.
24. **IFAKKAR** fil-konferenza dwar il-passi li jmiss biex l-UE ssir reġjun tal-aħjar prattika fil-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi permezz ta' approċċ Saħħa Waħda, li saret f'Bukarest fl-1 ta' Marzu 2019 u organizzata mill-Presidenza Rumena, li ffukat fuq tliet objettivi ewlenin:
- (1) it-titjib fil-kwalità tal-miżura ta' prevenzjoni u kontroll tal-infezzjonijiet u l-aħjar użu tal-antimikrobiċi fis-setturi tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-ambjent;
 - (2) it-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali Saħħa Waħda;
 - (3) l-inkoraġġiment tas-solidarjetà bejn il-pajjiżi b'ħidma flimkien għall-ġlieda kontra l-AMR.

JAPPELLA lill-Istati Membri biex:

25. Jiżguraw li l-Istati Membri kollha jkollhom fis-seħħ pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u monitoraġġ biex iwettqu l-impenji tagħhom skont il-Pjan ta' Azzjoni Globali dwar l-AMR u f'konformità mal-approċċ Saħħa Waħda;
26. Jallokaw riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet dwar l-AMR, il-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Infezzjonijiet u l-użu tajjeb tal-antimikrobiċi fil-livell politiku u dak kliniku;
27. Isaħħu l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u l-politiki attwali u l-impenji eżistenti rigward l-AMR fil-livell tal-UE u dak internazzjonali, abbażi tal-approċċ Saħħa Waħda;
28. Isaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni u kontroll tal-infezzjonijiet, kemm fis-setturi tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll tal-annimali, b'mod partikolari f'ambjenti tal-kura tas-saħħa, billi jinvestu fi prattiki tal-iġjene u azzjonijiet ta' prevenzjoni, inkluż it-tilqim, il-bijosigurtà u l-iżgurar tal-aċċess għal metodi dijanjostiċi standard u rapidi li għandhom jintużaw biex jikkonfermaw it-tip ta' infezzjoni qabel jintużaw l-antibijotiċi, u b'hekk jgħinu biex jitnaqqas l-użu mhux xieraq tal-antibijotiċi u r-riskju assoċjat li tiġi żviluppata l-AMR;

⁴⁵ [EU-JAMRAI: "Europe fostering synergies to reduce the burden of AMR: what is EU doing to support Member States?", 1 March 2019](#)

29. Isaħħu u jikkoordinaw ir-rispons tagħhom, bl-użu ta' approċċ intersettorjali, biex ipattu għall-firxa transkonfinali ta' infezzjonijiet reżistenti, b'mod partikolari permezz tal-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa stabbilit bid-Deċiżjoni (UE) 1082/2013;
30. Jinfurzew il-leġislazzjoni eżistenti dwar l-użu u l-bejgħ ta' antimikrobiċi, b'mod partikolari biex jirrestrinġu l-bejgħ mingħajr riċetta u, fejn xieraq, jikkunsidraw aktar regolamentazzjoni;
31. Jipprijoritizzaw it-taħriġ tal-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa fis-setturi rilevanti dwar l-AMR, il-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjonijiet u l-politiki tal-użu tajjeb tal-antimikrobiċi, inkluż azzjonijiet stabbiliti fil-linji gwida tal-UE għall-użu prudenti tal-antimikrobiċi, u l-għarfien tal-approċċ Saħħa Waħda;
32. Jiżviluppaw attivitajiet ta' informazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjonijiet u il-politiki tal-użu tajjeb tal-antimikrobiċi fl-ambjenti tal-kura tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, għall-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa, għall-pazjenti u għall-qraba tagħhom, għall-veterinarji, għall-bdiewa, u għall-pubbliku ġenerali, inkluż it-tfal;
33. Jistabbilixxu miri nazzjonali li jistgħu jitkejlu, fost l-oħrajn, dwar it-tnaqqis tal-użu ġenerali tal-antimikrobiċi u jimmonitorjaw il-progress lejn it-tnaqqis tal-firxa tal-AMR, waqt li jqisu, sa fejn hu xieraq, l-indikaturi żviluppati mill-EFSA, l-EMA u l-ECDC;

JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex:

34. Ikompli jiżviluppaw politiki fit-tul biex tiġi indirizzata t-theddida tal-AMR;
35. Isaħħu l-kooperazzjoni u s-solidarjetà fil-ġlieda kontra l-AMR billi jkunu involuti kif xieraq, b'mod bilaterali, fi proġetti ta' ġemellaġġ, u multilateralment fil-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u għarfien espert u biex jipprovdu appoġġ lil xulxin għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali kif ukoll programmi ta' prevenzjoni u kontroll tal-infezzjonijiet u ta' politika tal-użu tajjeb tal-antimikrobiċi fis-setturi kollha tas-saħħa tal-bniedem, tal-ikel, tas-saħħa tal-annimali, tal-ambjent, tar-riċerka u oħrajn rilevanti;
36. Jappoġġaw l-implimentazzjoni sħiħa tal-linji gwida disponibbli, filwaqt li jqisu ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi, u fejn xieraq, jiżviluppaw gwida addizzjonali fl-oqsma tal-AMR, tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjonijiet u l-politika tal-użu tajjeb tal-antimikrobiċi, fost l-oħrajn fir-rigward tal-użu mtejjeb ta' dijanjostiċi u tilqim, kif ukoll sorveljanza (fost l-oħrajn mill-ECDC) biex jassistu azzjonijiet fuq livell nazzjonali u lokali;

37. Jiżviluppaw linji gwida volontarji komuni dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjonijiet u l-politiki tal-użu tajjeb tal-antimikrobiċi fl-ambjenti tal-kura tas-saħħa, inkluż fir-rigward tal-livelli tal-persunal u l-edukazzjoni, abbażi tal-aħjar prattiki;
38. Iżidu l-kapaċità fl-Istati Membri kollha biex jiġi indirizzat it-theddid mill-AMR u b'hekk jitnaqqsu d-differenzi attwali fir-riżultati, fir-rigward tal-kontroll u l-prevenzjoni tal-AMR u l-HAI;
39. Jivvalutaw ir-raġunijiet għall-varjazzjonijiet bejn l-Istati Membri u fihom, fir-rigward tal-proporzjon tal-użu ta' antibijotiċi bi spettru wiesa' fil-mediċina tal-bniedem u tal-annimali, bl-għan li jkun hemm fehim u kontroll aħjar tal-AMR;
40. Jiżviluppaw u jimplimentaw b'mod effettiv, fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, strateġiji koordinati ta' komunikazzjoni kemm għall-iskopijiet ta' prevenzjoni ta' tifqigħat ta' infezzjonijiet reżistenti għall-antimikrobiċi kif ukoll għall-użu fil-każ ta' tifqigħat bħal dawn;
41. Jagħtu spinta lill-isforzi ta' sensibilizzazzjoni permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa u l-media soċjali, immirati lejn is-soċjetà b'mod ġenerali, dwar l-importanza tal-AMR bħala theddida għas-saħħa u l-ħtieġa tal-prevenzjoni tal-infezzjonijiet u tal-użu prudenti tal-antimikrobiċi;
42. Isaħħu u jwessgħu l-ambitu tas-sorveljanza tar-rati tal-AMR u l-HAI u l-konsum tal-antimikrobiċi, kemm fis-settur tas-saħħa tal-bniedem kif ukoll tal-annimali, jaġġornaw il-linji gwida dwar it-trattament, jiksbu użu prudenti tal-antibijotiċi, jimmonitorjaw l-emerġenza tal-AMR u jiżviluppaw miżuri effettivi ta' prevenzjoni u kontroll tal-infezzjonijiet għall-prevenzjoni tal-AMR. Għandhom jiġu kkunsidrati programmi ta' sorveljanza Saħħa Waħda sabiex tkun tista' ssir analiżi integrata tad-data dwar l-AMR fis-setturi tas-saħħa tal-bniedem, tas-saħħa tal-annimali, tal-ikel u tal-ambjent;
43. Jidentifikaw u jappoġġaw mekkaniżmi xierqa biex jiggarantixxu d-disponibbiltà madwar l-Unjoni, ta' antimikrobiċi effettivi eżistenti, b'mod partikolari antimikrobiċi bi spettru dejjaq tal-ewwel linja, kemm għall-użu mill-bniedem kif ukoll għall-użu veterinarju, filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, l-ispeċifitàjiet ta' swieq żgħar;

44. Jagħtu spinta lir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni relatati mal-AMR, u jappoġġaw il-kordinazzjoni u l-kooperazzjoni tal-UE u dawk globali, inkluż l-attivitajiet permezz tal-Inizjattiva għal Programmazzjoni Konġunta dwar ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi⁴⁶ u l-Global AMR R&D Hub⁴⁷;
45. Jappoġġaw inizjattivi bħall-GARDP, li tnediet mid-WHO u d-Drugs for Neglected Diseases Initiative (DNDi)⁴⁸ f'Mejju 2016. Il-GARDP tindirizza l-ħtiġijiet tas-saħħa pubblika globali billi tiżviluppa u twassal trattamenti antibijotiċi ġodda jew imtejba. Kull wieħed mill-programmi tagħha jinkorpora strateġiji sostenibbli ta' aċċess u ta' politika tal-użu tajjeb biex jiżguraw li t-trattamenti jkunu affordabbli u disponibbli għal dawk kollha li jeħtiġuhom;
46. Jimplimentaw u jespandu l-aġendi ta' riċerka f'konformità mal-approċċ Saħħa Waħda, bl-għan li jiġu żviluppati antimikrobiċi ġodda, tilqim, alternattivi għall-antimikrobiċi, dijanjostika rapida mtejba u mġedda u użu aħjar tal-antibijotiċi antiki, iggwidati mill-prinċipji tal-aċċessibbiltà, l-effiċjenza u l-affordabbiltà;
47. Jidentifikaw u jappoġġaw ir-riċerka ta' mudelli ekonomiċi xierqa u l-implimentazzjoni tagħhom għall-iżvilupp ta' antimikrobiċi ġodda li jinkorporaw il-politiki globali għall-użu prudenti, l-effiċjenza u l-affordabbiltà tal-antibijotiċi.
48. Itejbu l-informazzjoni u r-riċerka dwar politiki effettivi li jappoġġaw il-bidla fl-imġiba tal-bniedem fil-ġlieda kontra l-AMR;
49. Jappoġġaw ir-riċerka dwar mudelli ekonomiċi mtejba, il-ġestjoni, il-governanza, l-inċentivi u miżuri u tekniki oħra relatati mal-AMR sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-politika;
50. Jikkoordinaw b'mod sistematiku l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri u jaħdmu lejn "vuċi tal-UE" komuni, bħala reġjun tal-aħjar prattika f'fora internazzjonali, li tiddikjara l-ħtieġa urġenti li tiġi indirizzata r-reżistenza għall-antimikrobiċi u b'mod konsistenti tagħmel pressjoni għal rispons globali aċċellerat fir-relazzjonijiet multilaterali u bilaterali;

⁴⁶ [Joint Programming Initiative on Antimicrobial Resistance - Global Coordination of Antimicrobial Resistance Research](#)

⁴⁷ [Ministru Federali għall-Edukazzjoni u r-Riċerka - Collaborations in Global Health](#)

⁴⁸ [Drugs for Neglected Diseases initiative](#)

51. Ikomplu jippromwovi u jiddefendu b'mod attiv l-istandards u l-leġislazzjoni tal-UE u l-politiki tal-UE dwar l-AMR f'negozjati multilaterali u bilaterali u f'fora internazzjonali;
52. Jipprovdu informazzjoni mtejba u jiffaċilitaw l-użu tal-fondi tal-FSIE għal investiment nazzjonali, reġjonali u lokali f'azzjoni relatata mal-AMR, il-politika tal-użu tajjeb tal-antimikrobiċi u l-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjonijiet, biex b'hekk jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-kapaċità u l-implimentazzjoni ta' strateġiji komprensivi ta' Saħħa Waħda bejn l-Istati Membri u fihom;
53. Jesploraw possibbiltajiet, inkluż, kif xieraq, regolamentazzjoni, biex jipprevjenu l-użu mhux prudenti tal-antimikrobiċi miksuba permezz ta' xiri transkonfinali għall-użu personali, riċetti transkonfinali u l-bejgħ permezz tal-Internet;
54. Jimmonitorjaw residwi tal-antimikrobiċi mill-użu u l-produzzjoni u mikroorganiżmi reżistenti fl-ilma fil-ħamrija, tal-pjan u tal-wieċ skont il-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE fis-seħħ u jqisu aktar miżuri legiſlattivi, kif xieraq, biex jindirizzaw il-preżenza tagħhom fl-ambjent;
55. Iżidu l-bażi ta' evidenza dwar l-iżvilupp u t-tixrid tal-AMR, b'mod partikolari fl-ambjent.

JAPPELLA lill-kummissjoni biex:

56. Tuża n-Network Saħħa Waħda tal-UE dwar l-AMR biex ittejjeb il-kooperazzjoni mal-Istati Membri u bejniethom dwar l-AMR, il-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjonijiet u l-politika tal-użu tajjeb tal-antimikrobiċi;
57. Tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali multisettorjali u strateġiji nazzjonali dwar l-AMR u żżid il-finanzjament iddedikat;
58. Tappoġġa l-għbir ta' data mill-Istati Membri dwar il-bejgħ u l-użu tal-antimikrobiċi għall-annimali sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-għbir u l-ipproċessar tad-data f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/6 dwar prodotti mediċinali veterinarji, u tiġi kkunsidrata l-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji ddedikati;
59. Tappoġġa lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni tal-ostakli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar l-AMR, u tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-infezzjonijiet u l-miżuri ta' tal-użu tajjeb tal-antimikrobiċi, kemm fil-livell ta' politika kif ukoll f'dak kliniku, sabiex jikkontribwixxu għall-identifikazzjoni ta' miżuri effettivi biex jingħelbu dawn l-ostakli.